Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 05/16

**AVVIŻI**

**31 ta' Jannar 2016**

*Illum* niċċelebraw il-Festa ta' Missierna San Pawl. Ikollna quddiesa oħra fid-9.30am fil-kappella ta' San Pawl Milqi. Wara l-quddiesa ssir purċissjoni b'Ġesu Sagramentat sal-Knisja fejn tkompli l-Adorazzjoni sa filgħaxija. Għal din l-okkazzjoni għandhom ikunu preżenti t-tfal kollha li sa jirċievi s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

Nhar it-Tlieta 2 ta' Frar niċċelebraw il-Preżentazzjoni tal-Mulej (Il-Gandlora). Il-Quddiesa ta' filgħaxija tibda bit-Tberik tax-xemgħa. Għalkemm mhemmx l-obbligu tal-Quddies tkun ħaġa sabiħa li nieħdu sehem f'din iċ-Ċelebrazzjoni f'għeluq l-40 jum mill-Milied

Nhar it-Tlieta 9 ta' Frar sa jsir il-Festin tal-Karnival għat-tfal kollha tal-parroċċa. Dan jibda fit-3.30pm. Bħas-soltu ma jintalabx ħlas għal dan il-festin imma jintlaqgħu donazzjonijiet mingħand dawk li jkunu jixtiequ. Booking fis-Sagristija.